MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1/2014

**Western Union Business (Malta) Limited (C22339), gja Travelex Financial Services Malta Limited**

***kontra***

**ETM General Imports Company Ltd (C31572)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-2 ta` Jannar 2014 li jaqra hekk –

*1. Illi fil-perjodu ta` bejn April u Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) is-socjeta` rikorrenti, fil-kors tan-negozju taghha u fuq ordni tas-socjeta` intimata, ittraferiet flus barra minn Malta permezz ta` disa` transazzjonijiet*

*(kopji tal-'application form' u tat-transazzjonijiet hawn annessi u mmarkati WU1; WU2; WU3; WU4; WU5; WU6; WU7; WU8; WU9; u WU10) f`isem l-istess socjeta` intimata, bl-ammont totali jkun dak ta` tlieta u tmenin elf seba` mija disgha u sebghin Euro u hmistax-il centezmu (€83,779.15).*

*2. Illi minn dan l-ammont is-socjeta` intimata kienet hallset l-ammont ta` tlettax-il elf seba` mija tlieta u erbghin Euro u centezmu (€13,746.01) u ghalhekk kien ghadu dovut l-ammont ta` sebghin elf, sitta u tletin Euron u erbatax-il centezmu (€70,036.14).*

*3. Illi wara diversi trattativi bejn il-partijiet, u wara ittra ufficjali numru 3346/12 tad-29 ta` Ottubru 2012, is-socjeta` intimata hallset parti ohra mill-ammont totali dovut minnha, u cioe` hamest elef Euro (€5,000) izda l-ammont ta` hamsa u sittin elf u sitta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€65,036.14) baqa` dovut sallum.*

*4. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma totali ta`* ***hamsa u sittin elf u sitta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€65,036.14)****.*

*5. Illi minkejja diversi tentattivi da parti tas-socjeta` rikorrenti illi jintlahaq ftehim fuq il-hlas tal-ammont rimanenti, u minkejja weghdi ta` hlas, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u ma ressqet ghall-ebda ftehim.*

*6. Illi ghal kull buon fini jinghad illi s-socjeta` attrici kienet precedentement jisimha Travelex Financial Services Malta Limited sakemm biddlet isimha kif jidher mill-kopja tar-rizoluzzjoni annessa (WU11).*

*7. Illi l-ammont dovut favur is-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata m`ghandha l-ebda eccezzjoni valida skont il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta` intimata, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**Artikoli 167 sa 170** tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta);*

*2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` **hamsa u sittin elf u sitta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€65,036.14)**, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` **hamsa u sittin elf u sitta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€65,036.14)**, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3346/12, u bl-imghaxijiet legali dekorribbi mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat prezenti sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjeta` intimata, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta pprezentata fis-17 ta` Frar 2014 a tenur tal-Art. 170(1) tal-Kap. 12.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum.

Billi fil-fehma tal-Qorti l-kumpannija konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet prima facie fil-ligi u fil-fatt x`iggib kontra l-mertu tal-azzjoni attrici.

**Qieghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` hamsa u sittin elf u sitta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€65,036.14)**, **bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------